Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10844 – INFRAVIA / P4 / FIBERFORCE)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 321/06)

1. Fis-17 ta' Awwissu 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— InfraVia V Invest S.à r.l. (il-Lussemburgu), entità bi skop speċjali kkontrollata minn Infravia Capital Partners SAS (Infravia, Franza),

— P4 sp. zo. o (P4, il-Polonja),

— FiberForce sp z o.o. (Fiberforce, il-Polonja).

InfraVia u P4 jakkwistaw kontroll bi sħab, fis-sens tal-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 3 (4) tar-Regolament tal-UE dwar l-Għaqdiet, ta' Fiberforce.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— InfraVia: maniġer tal-investiment f'isem il-fondi ta' investiment ta' InfraVia, iddedikati għas-setturi tal-infrastruttura u t-teknoloġija, inklużi t-trasport, l-ambjent, l-enerġija u l-infrastruttura soċjali;

— P4: wieħed mill-erba' Operaturi tan-Networks tal-Mobile preżenti fis-suq bl-imnut tal-mobile Pollakk;

— Fiberforce: il-forniment ta' servizzi ta' aċċess għat-telekomunikazzjoni bl-ingrossa fil-Polonja permezz tan-network ta' aċċess tagħha stess fit-teknoloġija Hybrid Fiber-Coaxial (Hybrid Fiber-Coaxial, "HFC") u fit-teknoloġija fiber-to-the-home (Fiber-to-the-Home, "FTTH").

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuna interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10844 – INFRAVIA / P4 / FIBERFORCE

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU L 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË